## KIF TAKKWISTA L-PUNTI

Kif it-tim jaqta’ l-kelma, jirbaħ punt. Il-plejer li qed jagħti l-ħjiliet iżomm il-kard quddiemu u jieħu kard oħra mill-mazz. Kif jispiċċa l-ħin, in-numru ta’ kards li jkollu quddiemu huwa n-numru ta’ punti li t-tim jirbaħ.

## KIF TITLEF IL-PUNTI

Waqt li plejer ikun qed jagħti l-għajnuniet, it-tim oppost irid joqgħod moħħu hemm. Jekk il-plejer li jkun qed jagħti l-għajnuniet jikser waħda mir-**REGOLI TAL-ĦJILIET**, il-plejers tat-tim oppost iridu jgħajtu **AQTAGĦHA!** Il-plejer li jkun qed jagħti l-għajnuniet jista’ jagħżel li jaqbeż kard meta u xħin irid. Il-kards jgħaddu għand it-tim oppost u tittieħed kard oħra mill-mazz.

Kif jiskadi l-ħin, il-kards li jkun hemm quddiem il-plejer li jkun qed jagħti l-ħjiliet jew għand it-tim oppost jingħaddu u jingħataw bħala punti lit-timijiet rispettivi. Il-kards jitwarrbu u titkompla l-logħba.

## REGOLI TAL-ĦJILIET

1. L-ebda forma jew parti minn xi kelma li hemm imniżżla fuq il-kard ma tista’ tintuża bħala ħjiel.

   Eżempju: Jekk il-kelma li trid taqta’ hija **MINISTRU**, ma tistax tgħid **MINI**. Jekk waħda mill-kelmiet li ma tistax tuża hija **VOTI**, ma tistax tgħid **TIVVOTA** jew **VOTAZZJONI**.

2. Ma tistax tagħmel mossi.

   Eżempju: Ma tistax iċċapċap biex tfisser **ĊAPĊIPA**, jew taparsi qed iddoqq il-pjanu biex tfisser **PJANU**.

3. Ma tistax tagħmel ħsejjes b’ħalqek bħal xi splużjoni jew inkella ssaffar.

4. Ma tistax tgħid li l-kelma li trid taqta’ **TINSTEMA’ BĦAL** jew **TAQBEL MA’** xi kelma oħra.

5. Ma tistax tuża inizjali jew abbrevjazzjonijiet jekk il-kelma li tirrappreżenta qiegħda fil-kard.

   Eżempju: Ma tistax tuża l-inizjali **TM** jekk il-kelmiet **TRASPORT** jew **MALTA** qegħdin fil-kard.

## KIF TIRBAĦ

Meta l-plejers kollha jkun messhom jagħtu l-ħjiliet u ż-żewġ timijiet ikunu lagħbu l-istess numru ta’ drabi, jingħaddu l-punti. It-tim bl-akbar numru ta’ punti jirbaħ.

Jekk it-timijiet iġibu l-istess numru ta’ punti, jintgħażel l-aħjar plejer li jagħti l-għajnuniet minn kull tim u jintlagħab rawnd ieħor biex jiġi determinat ir-rebbieħ. ■



Kif se twassal lill-plejers tat-tim tiegħek biex jgħidu l-kelma **FAXXA**? **AQTAGĦHA!** Ma tistax tuża l-kelmiet **TORBOT**, **FERITA**, **TAJJARA**, **DEMM** jew **GARŻA**. Ħaffef, għaġġel u tgħidx xi kelma minn dawn għax titlef punt.

Eżempji ta' ħjiel li tista' tgħid:

- Iddawwarha ma' rasek jekk taqsamha.
- Il-captain tal-futbol ikollu waħda ma' jdejh.
- Ġieli titwaħħal waħda sewda ma' xi bieb b'sinjal ta' luttu.

Inti tgħid il-ħjiel u l-plejers l-oħra jgħajtu l-kelma.

It-tim bl-akbar numru ta' punti jirbaħ il-logħba.

## IL-KONTENUT

250 kard (500 kelma)
Klessidra ta' 60 sekonda

## MIN IMISSU JILGĦAB

1. **Tim A** jagħżel wieħed mill-plejers li se jkun qed jagħti l-ħjiel u dak il-plejer ipoġġi fuq in-naħa l-oħra tal-mejda.
2. **Tim B** ipoġġi fuq in-naħa tal-plejer ta' **Tim A** li jkun se jagħti l-ħjiel biex il-plejers ikunu jistgħu jaraw il-kards li jkollu f'idejh. **Tim B** ikun responsabbli mill-ħin.
3. Il-kumplament tal-plejers ta' **Tim A** ma jistgħux jaraw il-kards u jridu jpoġġu bilqiegħda n-naħa l-oħra tal-mejda, lesti biex jgħajtu l-kelma.
4. Kif **Tim A** tgħaddilu l-minuta, plejer minn **Tim B** jintgħażel biex jagħti l-għajnuniet. Il-plejers ipartu l-post biex **Tim B** ma jkunx jista' jara l-kards. Il-klessidra tgħaddi f'idejn **Tim A**.
5. It-timijiet jagħżlu membru ġdid biex jagħti l-għajnuniet sakemm il-plejers kollha jkun messhom darba.

F'każ li n-numru ta' plejers ma jkunx indaqs, wieħed mill-plejers tat-tim bi plejer inqas jagħti l-għajnuniet darbtejn.

## KIF TINTLAGĦAB IL-LOGĦBA

1. It-timijiet jiddeċiedu minn qabel b'liema naħa tal-kards se jilagħbu—aħdar jew vjola.
2. Il-plejer li jkun qed jagħti l-ħjiel jieħu karta mill-mazz. Il-kelma tan-naħa ta' fuq tal-kard hija l-kelma li t-tim irid jaqta'. Il-ħames kelmiet l-oħra huma l-kelmiet li ma jistgħux jintużaw bħala għajnuna.
3. Kif tittieħed kard mill-mazz jibda l-ħin u l-plejer li jagħti l-għajnuniet jibda jagħti l-ħjiel biex iwassal lit-tim tiegħu jaqtgħu l-kelma. L-għajnuniet jistgħu jkunu sentenzi sħaħ u dettaljati, frażijiet jew kelma waħda. L-għajnuniet ma jistgħux jiksru r-**Regoli tal-Ħjiliet**.
4. Waqt li l-plejer ikun qed jagħti l-għajnuniet, il-membri l-oħra tat-tim jippruvaw jaqtgħu l-kelma. M'hemmx limitu jew penali ta' kemm-il darba jippruvaw jaqtgħu l-kelma.
5. Meta jispiċċa l-ħin, il-kard li tkun f'idejn il-plejer li jagħti l-ħjiel titwarrab u t-tim ma jiħux punti sakemm ma jkunx qata' l-kelma qabel ikun spiċċa l-ħin.

